12 ta' Lulju, 1965

Imhallfin:

Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A.., LL.D., President
Onor. T. Gouder, LL.D.
Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.

Markiż Anthony Cassar Desain, et.

versus

Giovanni Pace għan-nom u fl-interess tad-ditta "Camberra Company"

Sullokazzjoni — Dekadenza u Provi — Avvjamenti — Determinazzjoni tal-Kera.

Il-kuntratt li bieh inkwilin ta' ħanut idaħħal substitute miegħu bil-patt li dan is-substitute iħallas parti mill-profitti li jirrealizza mill-ħanut mhux sullokazzjoni, imma soċjeta jew assoċjazzjoni.

Meta r-riżoluzzjoni ta' kwistjoni timporta dekadenza tal-parti mid-drittijiet tiegħu, il-provi tal-parti avversa għandhom ikunu konkludenti, u mhux leċitu li tiġi lilhom mogħtija interpretazzjoni estensiva.

Meta kontrattazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-avvjament u l-attrezzi ta' ħanut u fl-istess ħin l-inkwilinat tal-fond fejn il-ħanut hu eżerċitat, l-avvjament u l-attrezzi jikkostitwixxu l-oġġett prinċipali u prevalenti tan-negozju di fronti għall-inkwilinat li mingħajr l-avvjament u l-attrezzi ma kienx ikollu valur speċjali. In-negozju hu inxindibili u għandu jkun karatterizzat mill-importanza ta' l-oġġett prinċipali tiegħu.

Kull sullokazzjoni bħal kull lokazzjoni tirrikiedi għall-eżistenza tagħha d-determinazzjoni tal-prezz jew kera.

Il-Qorti,

Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiehdu lura l-hanut imsejjah "Castille Bar" numru 6 Castille Place, Valletta, mikri lill-intimat, billi dan issullokа dan il-fond minghajr il-kunsens tas-sidien, u nonostanti d-diviet espress li hemm fil-kuntratt tal-kiri.

Rat iż-żewġ deċiżjonijiet moghtija mill-Bord fl-erbatax (14) ta' Lulju wahda fejn ġiet ordnata l-korrezzjoni fil-kunjom tar-rikorrenti Markiza Evelyn Cassar Desain u l-ohra fejn ġie deċiż il-meritu.

Rat is-sentenza taghha ta' l-erbgha (4) ta' Diċembru, 1964 li biha ġiet dikjarata nulla s-sentenza fil-meritu moghtija mill-Board u l-atti tal-kawża ġew rinvjati lill-istess Bord biex jinstemghu l-provi u jiġi trattat u deċiż ir-rikors.

Rat is-sentenza moghtija *mill-Bord fis-sebgha (7) ta'* April, 1965 li biha t-talba tar-rikorrenti ġiet milqugha bl-ispejjeż barra dawk li ġew definitivament deċiżi minn din il-Qorti bis-sentenza preċedenti hawn fuq imsemmija u l-intimat ġie moghti erbghin ġurnata żmien biex jiżgombra l-fond, wara li l-Bord ikkunsidra:

Illi t-talba tar-rikorrenti hija bazata fuq id-disposizzjoni ta' l-art. 10 (a) tal-Kap 109 li jaghti s-setgha lill-Bord li jaghti lura l-pussess tal-fond fi żmien tal-kiri fil-kasijiet fost ohrajn li jissulloka l-fond jew jittrasferixxi l-kirja minghajr il-kunsens espress tas-sid jew ma jkunx esegwixxa l-kondizzjonijiet tal-kiri.

Illi kif jidher mill-kuntratt pubblikat min-Nutar Joseph Gatt fit-tmientax (18) ta' April, 1952, l-intimat akkwista minghand Mary Pirotta l-avvja-

ment u l-inkwilinat tal-fond in kwistjoni, li allura kien iġib l-isem ta' "Lyons Corner House" u f'dak il-kuntratt Alfredo Cachia Zammit, bħala amministratur tal-Primogenitura Testaferrata, li għaliha kien jappartieni l-fond, kien irrikonoxxa lill-intimat bħala nkwilin il-ġdid tal-fond u fost il-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni ġiet opposta dik (numru 7) illi l-inkwilini ma jistgħux jissullokaw il-fond jew iċedu l-avvjament tiegħu.

Mill-kompless tal-provi rriżulta illi l-intimat poġġa bħala substitute fil-ħanut imsemmi lil Roy Marmara. Ċirka ħames snin ilu l-intimat ftiehem ma dan Marmara illi dan jixtri b'mitejn lira (£200) li stock tax-xorb li kien fil-ħanut, fis-sens, li meta joħroġ mill-ħanut, jew iħalilu mitejn lira (£200) xorb. jew iħallas id-differenza bejn il-valur tax-xorb li jħalli u l-imsemmi ammont ta' mitejn lira (£200) u jaqsmu l-profitti. Iżda minn xi sena jew ftit aktar il hawn il-ftehim tbiddel fis-sens illi Marmara obbliga ruħu li jħallas lill-intimat lira u ħames xelini (£1.5.0) kuljum u l-qliegħ jibqa għalih.

Il-kwistjoni li għandha tiġi risoluta hija jekk dak il-ftehim jammontax għal sullokazzjoni jew għal ksur tal-kondizjonijiet tal-kuntratt.

Id-difensur tal-intimat issottometta illi dak il-ftehim ma jammontax għal sullokazzjoni imma se mai jikkostitwixxi kontrattazzjoni kummerċjali sui generis, tant illi kemm il-liċenza tal-post, il-mobbli, l-avvjament u l-lokazzjoni baqgħu f'ismu u dan tant hu hekk, kompla jgħid, illi l-konvenut kien jagħmel inspections fil-ħanut biex jara kif kien sejjer ix-xogħol u kienx qiegħed isir xi ħaġa immorali fil-ħanut. In sostenn ta' dan iċċita diversi sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina u senjatament dawka mogħtija fl-ismijiet "Luigi Mifsud vs. Leone Gam-

bin" fis-sitta (6) ta' Marzu, 1964 (Vol. XLVII, p. I paġ. 517), "J. Axisa vs. Zammit Bonnett" fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru, 1948 (Vol. XXXIII pag. 706) u dika tal-Privy Council mogħtija fid-disa' (9) ta' Ottubru, 1950 li kkonfermat din l-aħħar sentenza ta' l-Appell u finalment dika mogħtija mill-Qorti ta' Appell fl-ismijiet "Anthony Cassar vs. George Galea" fit-tletin (30) ta' Ġunju, 1947.

Ikkunsidrat:

Illi meta l-intimat ftiehem ma' Marmara li dan jieħu l-profitti tal-ħanut għalih u Marmara jħallas lill-intimat tant kull jum bħala korrispettiv Marmara kien ġa' xtara li stock li l-intimat kien qiegħed jintrabat li jagħti lill-imsemmi Marmara t-tgawdija tal-ħanut bl-avvjament b'kollox għall-prezz ossija kera determinat u fi kliem ieħor kien qiegħed jintrabat ma' Marmara b'kuntratt veru u proprju ta' lokazzjoni jew kiri fis-sens tal-art. 1615 tal-Kap. 23. U skond l-art. 2 tal-Kap. 109 il-kelma kiri tfisser ukoll sullokazzjoni. Il-fatt illi l-licenza tal-post, il-mobbli, l-avvjament u l-lokazzjoni di fronti għas-sid baqgħu f'idejn l-intimat ma jneħħi xejn mill-kwalita ta' kuntratt ta' kiri, għaliex kif jgħid il-Pacifici Mazzoni Trattato delle Lokazioni, Ediz. III para 38 "Oggetto del contratto non e gia materialmente la cosa, ma il godimento di essa, invero il locatore si obbliga di far godere, e non di far materialmente avere."

Il-fatt depost mill-intimat, jekk hu minnu, li kien imur jagħmel inspections kif sejħilhom hu, biex jara kif sejjer ix-xogħol u jekk kienx hemm xi ħaġa immorali ma jalterax in-natura tal-kuntratt tas-sullokazzjoni, għaliex huwa evidenti illi l-intimat kellu nteress bħala titolari tal-licenza u proprjetarju ta' l-avvjament illi ma jsir xejn li bih jipperikola t-telf tal-licenza bil-konsegwenzi li ġġib. L-intimat biex isostni t-tesi tiegħu illi ma ssullokax ried jagħti x'jifhem

illi kien anki minn rajh iżid l-istock meta kien jonqos u jħallsu minn butu, iżda meta l-Bord għafsitu bid-domandi spiċċa biex qal li hu kien jordna xi xorb għall-ħanut tiegħu stess li kellu u Marmara kien jieħu mingħandu minn hemm xi xorb u jħallsu tiegħu.

Lanqas ma jaltera l-posizzjoni l-fatt illi matul il-mixi tal-ġudizzju il-ftehim li kellu l-intimat ma' Marmara ġie terminat.

Il-Bord kellu okkazjoni jeżamina l-erba' sentenzi ċitati mill-intimat. Kwantu għall-ewwel tlett sentenzi ma jidhirx li fihom xejn rilevanti għall-kas presenti. Infatti fihom ġie ritenut illi kirja, ta' ħanut fil-kas ta' l-ewwel sentenza, u ta' cinema fil-kas taż-żewġ sentenzi l-oħra, li tinkludi l-avvjament, tikkostitwixxi lokazzjoni ta' azienda kummerċjali, li ma taqax għall-fini tar-ripresa ta' possess tal-fond meta tispiċċa l-lokazzjoni taħt il-liġi speċjali tal-kera Kap. 109 imma taħt il-liġi ordinarja. Ma jingħad xejn f'dawk is-sentenzi illi meta jkun hemm lokazzjoni ta' fond bl-avvjament, il-kuntratt ma jibqax kuntratt ta' kiri.

Lanqas tista' raġonevolment mill-prinċipju stabilit fl-imsemmija sentenza tinsel il-konklużjoni, li donnu l-intimat irid jgħid, illi una volta illi l-ħanut ġie sullokat bl-avvjament b'kollox, dina l-kontrattazzjoni ma tistax tiġi kunsidrata bħala sublokazzjoni għall-fini tar-ripresa tal-pussess tal-fond skond l-art. 10 (a) tal-Kap. 109, għax tali kuntrattazzjoni tesorbita mill-kompetenza tal-Bord. Infatti l-kompetenza ta' dan il-Bord hija radikata fuq ir-rapport ta' inkwilin u konduttur tal-ħanut in kwistjoni li hemm bejn il-partijiet u mhux fuq dak talvolta kreat bejn l-intimat u Marmara. Fi kwalunkwe kas jidher illi f'dan il-kas is-sullokazzjoni kienet tinkludi mhux biss l-avvjament imma anki l-ħanut.

Kwantu għar-raba' sentenza Cassar vs. Galea għalkemm dina għandha xi ftit attinenza mal-kas presenti, in kwantu kien kas ta' talba għar-ripresa ta' possess ta' fond (garage) minħabba sullokazzjoni magħmula quddiem dan il-Bord, lanqas jidher illi dak li ġie ritenut f'dik is-sentenza ma huwiex applikabbli għall-kas presenti. F'dik is-sentenza ġie ritenut illi l-provi kienu juru illi l-ftehim li kien għamel l-intimat f'dak ir-rikors, ma' terzi persuni, li jiċċedilhom ix-xogħol ta' cars għal Hire Service, esklus ix-xogħol tal-cars li jinkrew bħala self drive, li kellu jibqa' għall-intimat biss, l'kumpens pattwit ta' ħmistax il-lira (£15) fix-xahar, mizmum id-dritt li jużaw l-istess garage, li baqa' gestit u wżat mill-intimat għall-kiri ta' cars self drive u għal bejgħ ta' petrol, ma kienx jammonta għal sullokazzjoni tal-fond, billi ma ġiex trasferit id-dritt ta' l-inkwilinat, imma biss id-dritt għall-użu ta' parti mill-avvjament ossija isem tal-garage. Fil-kas presenti għad-differenza mal-kas ċitat, l-intimat svesta ruħu kompletament mit-tgawdija tal-ħanut sakemm baqa' jseħħ il-ftehim ma' Marmara, l-intimat ma baqax jinnegozja u jġestixxi l-imsemmi ħanut, imma baqa' biss jipperċepixxi l-kera pattwit ta' lira u ħames xelini (£1.5.0) kuljum. It-tgawdija tal-fond intier bl-attrezzatura u l-avvjament b'kollox baqgħu għal Marmara.

Għalhekk fil-kas presenti hemm vera u proprja sullokazjoni mingħajr il-kunsens tas-sid, anzi kontra d-devjet espress stipulat fil-kuntratt fuq imsemmi.

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Giovanni Pace appella minn dik id-deċiżjoni u talab li tiġi revokata u t-talba ta' l-appellati tiġi miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

Rat ir-risposta ta' l-appellati li qalu li dik id-deċiżjoni hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:

Il-kwistjoni f'din il-kawża hi waħda u ċioe jekk il-kontrattazzjoni li saret bejn l-appellant u Roy Marmara tikkostitwix sullokazzjoni projbita mill-kuntratt ta' lokazzjoni eżistenti bejn l-appellant u l-appellati. Is-sullokazzjoni hi l-unika kawżali dedotta fit-talba ta' l-appellati. M'hemmx kwistjoni illi jekk dik il-kontrattazzjoni tikkostitwixxi sullokazzjoni, din saret mingħajr il-kunsens espress ta' l-appellati u kwindi tagħti lok għar-ripreża ta' pussess tal-fond da parti tagħhom.

Il-kwistjoni mhix faċili attiżi ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

Il-fatti kif jidhru li jirriżultaw mill-provi huma dawn li ġejjin:

Bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-tmientax (18) ta' April, 1952, l-appellant xtara u akkwista mingħand Mary Pirotta, bħala twillija, l-avvjament u l-inkwilinat tal-ħanut in kwistjoni, komprizi fl-akkwist il-pompa tal-petrol ta' quddiem il-ħanut u l-mobbli u effetti l-oħra eżistenti fil-ħanut u kompriżi l-armaturi, mwejjed, bankijiet, banketti, xkafef, vetrini, rifrigerator u kull oġġett ieħor imwaħħal mal-ħajt u dan bil-prezz ta' elfejn u disa' mitt lira (£2,900) kalkulati kwantu għal elfejn lira (£2,000) bħala prezz ta' l-avvjament u dritt ta' l-inkilinat u kwantu għal disgħa mitt lira (£900) prezz ta' l-effetti mobbli msemmija. Bl-istess kuntratt Alfred Cachia Zammit li dak iż-żmien kien amministratur tal-fond għan-nom tas-sidien (issa l-appellati) irrikonoxxa lill-appellant bħala l-inkwilin tal-fond taħt il-kondizzjonijiet hemm imsem-

mija, fosthom dik illi hu ma jistax jissullOka l-fond jew iċedi l-avvjament.

Il-kwistjoni taċ-ċessjoni ta' l-avvjament m'hi b'ebda mod rilevanti għal din il-kawża. Difatti, kif ġa ntqal il-kawżali tat-talba ta' l-appellati hi biss dik illi l-appellat issullOka l-fond u għalhekk, kif ġa ntqal ukoll, il-kwistjoni f'din il-kawża hi esklusivament jekk saretx din is-sullokazzjoni tal-fond.

Bil-kuntratt hawn fuq imsemmi, mela, Cachia Zammit għamel lokazzjoni ġdida favur l-appellant: difatti ġie miftiehem il-kera ġdida, ġie stipulat iż-żmen tal-lokazzjoni u l-pattijiet kollha li kellhom jirregolaw dik il-lokazzjoni. U oġġett ta' din il-lokazzjoni kien il-fond bħala bare premises, ġa la darba, li, fil-presenza ta' l-istess lokatur, l-avvjament u l-effetti kollha mobili li kien hemm fil-fond kompriżi dawk li kienu fixtures, kienu qed jiġu separatament akkwistati mill-appellant minn għand l-inkwilina preċedenti. Del resto, illi Cachia Zammit ma kienx qed jikri lill-appellant ħlief il-ħanut bħala bare premises u mhux bħala azienda kummerċjali bl-avvjament u l-attrezzi kollha tagħha hu impliċitu fl-istess fatt illi l-appellati adew lill-Bord u mhux lill-Qorti Ordinarji biex jirriprendu pussess tal-fond.

Xi sitt snin ilu l-appellat għamel ftehim ma Roy Marmara li bih begħlu li 'stock' ta' xorb li kien hemm fil-fond bil-prezz ta' mitejn lira (£200) jew, aħjar, ftehmu illi jikkalkolaw bil-prezz ta' mitejn lira (£200) dak li stock u li Marmara jagħmilha ta' "substitute" fil-ħanut u hu u l-appellant jaqsmu l-profitti tan-negozju. Meta kellu jispiċċa dak il-ftehim Marmara kellu jħalli fil-post b'kemm jiswa mitejn lira (£200) xorb inkella jħallas id-diferenza.

Anqas hemm bżonn jingħad illi sa kemm il-ftehim bejn Marmara u l-appellant baqa dak hawn fuq imsemmi, non si trattava affattu ta' sullokazzjoni tal-fond. Dak il-ftehim kien ovvjament soċjeta jew assoċjazzjoni.

Iżda ġara illi xi sentejn ilu (xi sena qabel bdiet il-kawża) dak il-ftehim jidher li tbiddel u sar ftehim ġdid li bih Marmara kellu jagħti lill-appellant lira u ħames xelini (£1.5.0) kull jum u l-qliegħ li jkun hemm mill-ħanut jibqa' għalih. Il-liċenzi tal-Pulizja fuq il-post baqgħu f'isem l-appellant u Marmara kien jidher biss bħala "substitute". Il-ftehim, kif xehed tant Marmara kemm l-appellant, ma kienx għall-ebda żmien stabbilit u huma setgħu jitilqu minn ma xulxin meta jridu. (Il-ftehim ġie terminat fil-kors ta' din il-kawża).

L-appellant semma diversi ċirkostanzi oħra partikolari tal-ftehim li kellu ma Marmara, bħal per eżempju dik li Marmara ġie li ma ħallasx puntwalment il-lira u ħames xelini (£1.5.0) jew ma ħallasx affattu għal xi ġimgħat għax kien jgħid li ma kienx hemm profitt; li hu kellu wkoll ċavetta tal-post għaż-żmien kollu li dam il-ftehim u li kien imur jagħmel 'inspections' fil-post; li hu kien iżomm il-post fornit bli 'stock' biex jista' jkun hemm aktar profitt mnejn jitħallas; li ta' li stock oriġinali Marmara ma ħallas xejn. Dawn iċ-ċirkostanzi huma pekuljari u insoliti f'sullokazzjoni u għalkemm huma ċertament weħidhom ma kienux jeskludu s-sullokazzjoni kieku din kienet indubbjament tirriżulta mill-ftehim prinċipali, b'dana kollu fil-każ preżenti, jgħinu biex, meħudin flimkien mal-ftehim prinċipali, juru illi dan il-ftehim ma kienx verament ta' sullokazzjoni tal-fond.

Ga ġie partikolarment rilevat aktar il-quddiem illi l-appellati magħandhomx, sa kemm tissokta l-lokazzjoni

favur l-appellant, ħlief il-bare premises. L-avvjament kif ukoll l-oġġetti kollha imobili li jinsabu fil-post huma ta' l-appellant in-nifsu. Hu assolutament ċar, fil-fehma tal-Qorti, illi, in kwantu l-ftehim ma Marmara kien jimporta l-użu u d-dgawdija ta' dan l-avjament u oġġetti li jappartjenu in proprjeta lill-appellant (u m'humiex, għalhekk, detenuti minnu in lokazzjoni mingħand l-appellati) dak il-ftehim ma jistax ikun sul-lokazzjoni. Talvolta jista' jikkostitwixxi lokazzjoni diretta mill-appellant lil Marmara, imma żgur mhux sullokazzjoni. Is-sub-lokazzjoni tista' tirrigwarda biss l-użu u d-dgawdija tal-fond bħala bare premises.

Kollox għalhekk jirriduċi ruħu li wieħed jara x'inhi n-natura tal-kontrattazzjoni fil-kompless tagħha meħud rigward ta' l-element preponderanti tagħha. F'dan l-eżami wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh il-prinċipju affermat minn din il-Qorti fil-kawża "Anthony Cassar vs. George Galea" (30.6.1947 inedita, ċitata mill-appellant), u applikat f'diversi sentenzi oħra wara fis-sens illi "billi r-riżoluzzjoni tal-kwistjoni timporta dekadenza ta' l-appellant middrittijiet tiegħu, il-provi tal-parti avversa għandhom ikunu konkludenti u mhux leċitu li tiġi lilhom mogħtija nterpretazzjoni estensiva."

Issa jidher li ġie kemm il-darba deċiż mill-Qrati tagħna illi meta kontrattazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-avvjament u l-attrezzi ta' ħanut u fl-istess ħin l-inkwilinat tal-fond fejn il-ħanut hu eżerċitat, l-avvjament u l-attrezzi jikkostitwixxu l-oġġett prinċipali u prevalenti tan-negozju di fronti għall-inkwilinat li mingħajr l-avvjament u l-attrezzi ma kienx ikollu valur speċjali (ara Vol. XXVI, I, 24 li tagħmel riferenza għal Vol. XIII p. 573 u Vol. XVII, II, 217). Huwa veru illi dawk is-sentenzi kienu jirriferixxu għall-kwistjoni ta' kompetenza bejn il-Qorti Civili u l-Qorti Kummerċjali, imma l-prinċipju huwa ndubbjament validu

apparti minn dik il-konsiderazzjoni.

Fil-każ preżenti jista' jingħad dak illi ntqal fis-sentenza Vol. XXVI, I, 330 li fiha l-oġġett kompless tal-kontrattazzjoni kien bħal f'dan il-każ jikkonprendi tant l-avvjament u l-attrezzi kemm l-użu tal-fond, illi "è chiaro non potere la convenzione allegata . . . dividersi in due, l'una riguardante la sullocazione, e l'altra riguardante la locazione della vetrina da adibirsi per l'esercizio del Commercio e il godimento dell'avviamento." In-negozju hu inxindibbili u għandu jkun karatterizzat mill-importanza ta' l-oġġett prinċipali tiegħu, ċioe l-avvjament u l-attrezzi li relativament għalih, l-użu ta' li stabili għandu jitqies komplimentari.

F'negozju ta' din ix-xorta ma tistax tiġi isolata għaliha u identifikata separatament is-sullokazzjoni tal-fond (Il-Qorti tarġa tagħmel enfasi illi l-użu ta' l-avvjament u ta' l-attrezzi (sa kemm ma hemmx ċessjoni ta' l-avvjament, ħaġa li kif intqal ma hix allegata f'din il-kawża) m'hix ħaġa li tirrigwarda lill-appellati u anqas hi jew setgħat tkun ħaġa li tirrigwardahom, għax l-ewwelnett mhix dedotta u, it-tieni nett, anqas setgħat tkun dedotta f'din il-kawża). Hemm raġuni fondamentali għaliex ma tistax tiġi scissa għaliha s-sullokazzjoni u din hi li, kieku kellha titqies għaliha separatament, kien ikun jonqos wieħed mir-rekwiziti essenzjali tagħha. Kull sullokazzjoni bħal kull lokazzjoni tirrikjedi għall-eżistenza tagħha d-determinazzjoni tal-prezz jew kera. Mingħajr id-determinazzjoni tal-kera, kif il-Qrati tagħna dejjem irritenew għab-bażi tal-liġi, ma' jistax ikun hemm lokazzjoni, jew sullokkazzjoni, Fil-każ preżenti n-negozju sar versu korrispettiv uniku, dak ta' £1.5.0 kuljum u mhux possibbli li jingħad — u anqas il-partijiet qatt ma ħasbu biex jistabbilixxu — kemm minn dak

il-korrispettiv kellu jkun għall-użu tal-fond fih innifsu u kemm għall-użu ta' l-avvjament u l-attrezzi.

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tistax tgħid illi l-kontrattazzjoni magħmula bejn l-appellant u Roy Marmara, li biha dan ta' l-aħħar ġie awtorizzat li jagħmel użu versu korrispettiv min-negozju ta' l-appellant inklużi fih l-avvjament u l-attrezzi kollha tal-ħanut, kienet fl-essenza prinċipali tagħha "sullokazzjoni tal-fond"; iżda kien kuntratt innominat li bih l-appellant, mingħajr ma sveżta ruħu legalment mill-avvjament, mil-liċenzi tal-post, mill-proprjeta ta' l-attrezzi u l-mobbili, anzi mingħajr ma sveżta ruħu anqas mill-kontroll u s-sorveljanza fuq il-post, ippermetta lil Marmara li jagħmlu użu minn negozju, soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet, u bi ftehim terminabbli kull mument, kontra kumpens li anqas kien dejjem jitħallas jekk ma jkunx hemm qliegħ. Din il-Qorti ma jidhriliex illi dan l-arrangament kien projbit mill-kuntratt u wisq inqas li kien jew sata kien ta' xi ħsara lill-appellati.

Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talba ta' l-appellati iżda minħabba ċ-ċirkostanzi tordna li spejjeż jibqgħu bla taxxa.